Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Emenda fl-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati

(2014/C 6/04)

Stat Membru	Spanja
Rotta kkonċernata	Almeria–Seville
Data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku	29.4.2009
Data tad-dħul fis-seħħ tal-bidliet	15.1.2014
Indirizz fejn jistgħu jinkisbu t-test u kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni oħra relatata mal-obbligi tas-servizz pubbliku.	Ministerio de Fomento Dirección General de Aviación Civil Subdirección General de Transporte Aéreo Paseo de la Castellana, 67 28071 Madrid ESPAÑA Tel. +34 915978454 Faks +34 915978643 Posta elettronika: osp.dgac@fomento.es

Ir-rotta suġġetta għall-obbligi tas-servizz pubbliku tista' tiġi operata fuq bażi ta' aċċess ta' kompetizzjoni libera skont il-kundizzjonijiet il-ġodda mill-15 ta' Jannar 2014. Jekk fi żmien 15-il jum tal-kalendarju wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-ebda trasportatur tal-ajru ma jissottometti programm ta' servizzi f'konformità mal-obbligi tas-servizz pubbliku imposti, l-aċċess se jkun ristrett għal trasportatur uniku tal-ajru permezz tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti korrispondenti, skont l-Artikolu 16(9) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.